MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2011

Avviz Numru. 365/2010

**Mosaad Mohammed Adel Dain**

**Vs**

**Awtorita' ghat-Trasport f' Malta (Transport Malta)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-5 t'Ottubru 2010 fejn ir-rikorrenti ssottomettiet is-segwenti:-

"*Illi l-esponenti gie interpellat sabiex ihallas is-somma ta' hames mija w wiehed u disghin Ewro w tlettax-il centesmu (€591.13) in konnessjonii mal-allegazzjoni li l-licenzja tal-vettura bin-numru IAF 392 skadiet fl-1 ta' Ottubru 2002 u ghalhekk allegatament dovut li jhallas id-drittijiet tal-licenzja mill-1 ta' Ottubru 2002.*

*Illi ghal kul bon fini u effett tal-ligi qieghed jigi dikjarat illi din il-vettura inbieghhet lit-terzi persuni u din il-persuna ma resqitx sabiex taghmel it-transfer necessarju".*

Ghaldaqstant talab " *sabiex jigi kjamat in kawza il-persuna lil min inbieghet il-vettura kif ukoll li l-esponenti jigi ezonerat minn kull htija u obbligazzjoni ta' hlas*."

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Ottubru 2010 fejn wara li rat l-artikolu 57 (1) tal-Kap 65 appuntat ir-rkors ghas-smiegh u ordnat lill-intimat sabiex jigi notifikat u jipprezenta r-risposta tieghu fi zmien hmistax-il jum mid-data tan-notifika lilu.

Rat ir-risposta tal-intimata Awtorita' ghat-Trasport f' Malta, fejn esponiet is-segwenti:-

"1. *Illi fl-ewwel lok, ir-rikorrenti irid jipprova l-allegazzjonijiet maghmula minnu fir-rikors tieghu.*
*2. Fil-mertu kif jammetti l-istess rikorrenti fir-rikors tieghu, huwa ittrasferixxa din il-vettura lil terzi minghajr ma huwa baghat avviz ta' dan lill-istess Awtorita' intimta. Dan ifisser li huwa ghadu responsabbli skond il-ligi anke ghall-arretrati tal-licenzji. L-avviz tat-trasferiment kellu jinghata lill-Awtorita' intimata. L-obbligu ta' dan l-avviz kien tar-rikorrenti u ta' hadd izjed (ara ad exemplum art 26 tal-kap 65).*
*3. Illi t-talba ghal-kjamat in kawza ta' individwu (li ismu mhux maghruf ) hija ukoll opposta u dan peress li skond il-ligi, hija r-rikorrenti l-persuna responsabbli u hadd izjed. Jekk xejn hija ghandha dritt ta' rivalsa kontra dan l-istess individwu (jekk jezisti), izda l-Awtorita' ma ghandha x'taqsam xejn mieghu. Hija taf biss lir-rikorrenti u lil hadd izjed. Hekk tghid il-ligi.*
*4. Illi ghalhekk galadarba ma hemm xejn minn dan kollu u gja ladraba l-Awtorita' intimata ma inghatatx l-avviz rikjest mil-ligi, ir-rikorrenti huwa obbligat li jhallas dak dovut minnu skond il-ligi."*

Ghaldaqstant talab lil din l-Onorabbli Qorti "*sabiex in vista tal-premess u ghal ragunijiet ohra li jistghu jingiebu*

*quddiemha tichad it-talbiet kontenuti fir-rikors bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.”*

Illi fis-seduti tas-7 ta’ Dicembru 2010, tas-7 ta’ Frar 2011, tad-9 ta’ Marzu 2011 tat-12 ta’ April 2011, u tal-5 ta’ Mejju 2011 ir-rikorrenti ma deherx u lanqas ressaq provi sabiex jossostanzja dak li allega fir-rikors tieghu.

Semght lil **Brian Farrugia,** xhud tal-Awtorita’ ntimata jixhed fis-seduta tal-5 ta’ Mejju 2011 u jikkonferma li l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni IAF 392 mertu tar-rikors hija registrata fuq ir-rikorrenti, w ilha hekk registrata fuq ismu sa minn Ottubru 2002, u li fil-file relattiv taghhom ma jidhirx li effettivament din il-vettura giet mibjugha, skrappjata jew iggaraxjata.

Illi ghalhekk f’ghajnejn il-ligi huwa r-rikorrenti li ghadu responsabbli ghal hlas ta’ licenzji b’lura bhala *registered owner*, u dan skond l-Artikolu 26 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, w ghalhekk dak li qed jghid ir-rikorrenti fir-rikors promotur tieghu m’huwiex korrett.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tichad it-talbiet rikorrenti.**

**Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------